SANTA LUĊIJA

**MINUTI – IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 36-15**

Illum il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar 2015

Il-Kunsill iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00p.m.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Caroline Galea u Victor Camilleri. L-Ambaxxatriċi għaż-Żgħażagħ, Claire Mamo ma kienetx preżenti għal din il-laqgħa.

**SKUZAT**

Il-Kunsillier Joe Bonello nforma l-Kunsill permezz ta' *e-mail* li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa peress li kien ser ikun imsiefer minħabba kura.

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 35-2014 li saret nhar it-Tlieta, 9 ta' Diċembru 2014 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

## 1.1 BOV ATM

Is-Sindku s-Sur Cutajar informa l-Kunsill li l-*ATM* tal-*BOV* f'Dawret it-Torri kienet lesta u qed tiffunzjona.

## 2 KORRISPONDENZA

## 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn id-9 ta' Diċembru 2014 u s-16 ta' Jannar 2015 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

## 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- 1315-14-O – Mepa – *Uprooting and transplanting of 4 Ficus Trees*
- 0018-15-O – Korporazzjoni għas-servizzi ta' l-Ilma – Funtani tax-xorb
- 1346-14-O – Trasport Malta – Toroq li qatt ma saru
- 1348-14-O – *Foreign Affairs Office in Suzhou Municipality Government – Letter/Invitation*
- 0021-15-O – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Memo 30-2014 – Żoni Miftuħa
- 0045-15-O – Superintendent Micallef –Ilment tar-residenti għall-attenzjoni tal-pulizija

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 1313-14-I – Resident – Traffiku li jgħaddi minn Santa Luċija
- 1353-14-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Memo 34-2014: Aġġornamenti tal-laqgħat tal-Kunsilli Lokali
- 1347-14-I – Dipartiment Għall-Gvern Lokali – Memo 33-2014 – Talbiet minn-Ministeru jew Entitajiet Governattivi

- 1356-14-I u 0059-15-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Allokazzjoni 2015
- 0029-15-I – C. Micallef *at iLearn* - Wardija *Job Exposure Scheme*
- 0043-15-I – *Arts Council Malta – Cultural Calendar for Maltaculture .com*
- 0058-15-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Premju Segretarju Eżekuttiv 2015
- 0060-15-I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Mistoqsijiet lill-Ambaxxaturi Lokali taż-Żgħażagħ

**2.3** ***Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lil Kunsill:***

- **SLLC Memo 16-2014 - Xogħol ta' resurfacing fi Triq il-Ġnien**
- **SLLC Memo 01-2015 - *Courses* tal-*Computer* offruti minn TCTC**

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1313-14-O is-Sindku qara ittra minn residenti dwar it-traffiku li jgħaddi minn Santa Luċija u problemi għar-residenti li jridu joħorgu minn Santa Luċija biex imorru xogħol, skola, sptar jew bżonnjiet oħra. Is-Sindku qal li dan l-ilment intbagħt għall-attenzjoni ta' Trasport Malta.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1353-14-I – innota Memo 34-2014 li tghid li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ghandu jkun infurmat bid-data tal-laqgħa tal-Kunsill fi żmien jumejn mill-laqgħa li tkun għada kif saret.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1347-14-I – il-Kunsill innota li Memo 33-2014 dwar l-obbligazzjoni li l-Kunsill jinforma lid-Dipartiment qabel jidħol b'kull tip ta' ftehim ma' Dipartimenti u Entitajiet Governattivi li ma jaqgħux taħt ir-responsabilta' tal-Gvern Lokali.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 1356-14-I u 0059-15-I – il-Kunsill innota l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2015 tammonta għas-somma ta' €306,131.00. Il-Kunsill innota wkoll il-linji gwida li bagħt id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-*Budget* 2015.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0029-15-I il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jerġa joffri kollaborazzjoni għal Wardija *Job Exposure Scheme* għas-sena 2015.

**3.6** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0043-15-I il-Kunsill ġie nfurmat dwar *press release* maħruġa minn *Arts Council Malta* dwar kollezzjoni ta' data dwar attivitajiet kulturali lil-Kunsill ser jorganizza bejn April 2015 u Ġunju 2015.

**3.7** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 0058-15-I is-Sindku nforma l-Kunsill dwar id-dokument relatat ma' Premju Segretarju Eżekuttiv 2015.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Qlugħ ta' siġar fi Triq il-Ġnien*

Is-Sindku qal li kienet inbagħtet applikazzjoni lil Mepa dwar il-qlugħ ta' erba' siġriet tal-*Ficus* li hemm fil-*Jogging* u jmissu ma' Triq il-Ġnien. Is-Sindku qal li wara li saru xi komunikazzjonijiet mal-Mepa fir-rigward ta' din it-talba, l-Kunsill ġie nfurmat permess ta' *e-mail* li m'hemmx bżonn ta' permess biex jinqagħlu dawn is-siġar. Huwa qal li l-Mepa tagħt linji ġwida ta' kif sar dan ix-xogħol.

### 4.2 *Funtani tal-ilma tajjeb għax-xorb*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar taħdidiet li għaddejin bħalissa ma' l-korporazzjoni għas-servizzi ta' l-ilma dwar il-possibilita' li jsiru tlett funtani għall-ilma tax-xorb fil-*Jogging Track*. Is-Sindku qal kemm il darba din il-proposta tiġi milqugħa l-konsum irid ikollu *capping* bħala mezz ta' kontrol.

### 4.3 *Problema ta' klieb fit-toroq f' Santa Luċija*

Is-Sindku rrefera għal problema ta' klieb qed ikun hawn filgħaxija fit-toroq ta' Santa Luċija li qed joqtlu kull qattus li jsibu. Huwa qal li kien sar rapport lil pulizija f'dan ir-rigward u ngħataw wkoll xi ritratti ta' dawn il-klieb.

### 4.4 *Żjara minn delegazzjoni minn Gusu District*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li ż-żjara ta' delegazzjoni minn Gusu li kellha tasal f'Diċembru 2014 kienet ġie posposta għall-Frar 2015. Huwa qal li l-ikla tal-Milied tal-Kunsill u l-istaff ghandha titqies waħda mill-ikla uffiċjali li ser issir meta tasal din id-delegazzjoni. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill ser jinżamm aġġornat bid-dettalji kollha ta' din iż-żjara.

### *4.5 Memo 30-2014 – Spazji Pubbliċi*

Is-Sindku tkellem dwar erba' proposti ta' proġetti li bagħt il-Kunsill fir-rigward tal-Memo hawn fuq imsemmija. Huwa qal li filfatt il-proġetti kienu dawn:

- Bini ta' Ċentru tal-Komunita'
- Bini ta' *underground garages* f'Dawret it-Torri
- Bini ta' *Club House* ħdejn il-5-*a-side Football Pitch*
- *Resurfacing* tal-*Jogging Track*

Is-Sindku qal ukoll li kien attenda għall-laqgħa li saret dwar opportunita' għall-Kunsill Lokali biex jissottomettu proposti għal proġetti kapitali fil-lokalitajiet tagħhom. Huwa qal li għal dawn il-proġetti kien hemm fond ta' miljun ewro. Il-Kunsill qabel li jissottometti l-proġett tal-*Club House*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jrid ikun hemm stima ta' dan il-proġett.

### *4.6 Attivita' li saret b'risq il-Community Chest Fund*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li fl-inizjattiva li saret f'Diċembru 2014 biex jinġabru flus b'risq il-*Community Chest Fund*, inġabret is-somma ta' €305.90.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV 5368 sa numru BOV 5430 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għal-perjodu bejn it-28 ta' Novembru 2014 u t-8 ta' Jannar 2015.

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 35-14(09-12-2014)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Diċembru 2014 Ammont *Gross* €9133.79

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Ewro |
|---|---|---|---|
| Koptasin | Sgns & Mkgs | 20244 | 158.46 |
| ELC | PKG57 | Serv. Diċ.2014 | 2061.50 |
| Owen Borg | SS(57-12-01) | Serv.Diċ. 2014 | 1024.25 |
| Joseph & Spiridione Żammit | RC(57-14-01) | Serv. Diċ 2014 | 1962.85 |
| RiteMix | RR(PPP) (57-11-02) | Part Payment Triq il-Ġnien | 12,000.00 |
| Salvu Mifsud | PCA(57-11-06) | Serv.Diċ 2014 | 625.41 |

### *5.4 Kiri ta' Servizz ta' Emergenza*

Il-Kunsill approva l-ħlas li jammonta għal €144.97 għal servizz ta' emergenza li qed jinkera kull darba li l-ħaddiem taħt l-iskema CIES li jipprovdi servizz ta' *watchman* fi Ġnien is-Serenita' jkun bil-*leave* jew marid.

## 6. LAQGĦA TAL-LOKALITA'

Il-Kunsill qabel li l-Laqgħa tal-Lokalita' għas-sena 2015, ssir nhar it-Tnejn, 9 ta' Frar 2015 fi Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qal li qed jiġi mħejji rapport amministrattiv u pjan ta' ħidma li ser jintbagħt lil Kunsillieri qabel il-laqgħa u jiġi ppreżentat lil-pubbliku waqt l-istess laqgħa.

7. **LAQGĦA PUBBLIKA- Proposta ta' dar għall-anzjani fil-konfini ta' Santa Luċija**

Is-Sindku rrefera għall-laqgħa pubblika bis-suġġett hawn fuq imsemmi li saret nhar it-Tlieta, 9 ta' Diċembru 2014. Huwa qara rapport li ġie mħejji mis-Segretarju Eżekuttiv li jirrigwarda l-andament ta' din il-laqgħa. Il-Kunsill approva dan ir-rapport kif emendat. Kopja ta' dan ir-rapport għandha tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

8. **SEJĦA PUBBLIKA – PCA(57-14-02)**

Is-Sindku nforma l-Kunsill li s-sejħa pubblika għal kuntratt ta' tindif u manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi f'Santa Luċija kellu jiġi rtirat peress li bi żvista ma kienx jinkludi l-kriterja tal-GPP li hija mandatorja f'kuntratti ta' din it-tip. Huwa qal li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien ta' estenzjoni ta' xahrejn fuq id-data ta' l-għeluq ta' dan il-Kuntratt u s-sejħa bid-dokumenti riveduti ser terġa toħroġ mill-ġdid.

9. **SEJĦA PUBBLIKA – WM (57-14-03)**

Il-Kunsill fetaħ l-offerti mitfugħa għal din is-sejħa li kienet tagħlaq, illum 16 ta' Jannar 2015 f'nofsinhar. Għal din is-sejħa kien intefgħet offerta waħda. Kif gej:

| **Kuntrattur** | **Indirizz** | **Ammont** |
|---|---|---|
| **Perit Karl Cutajar** | **Tarxien** | **4.44%** |

Il-Kunsill iddiskuta din l-offerta u ġie nutat li l-Perit Cutajar huwa wieħed minn żewġ periti li bħalissa għandhom il-kuntratt ta' *Works Manager* tal-Kunsill liema kuntratt wasal biex jagħlaq. Il-Kunsill innota li hemm xogħol pendenti li qed jiġi segwijt mill-Perit Cutajar u għaldaqstant ikun hemm kontinwita ta' dan is-servizz. Is-Sindku kellu jitkellem ma' l-Perit Cutajar dwar ir-rata proposta.

10 **SEJĦA PUBBLIKA – TR(57-14-04)**

Il-Kunsill fetaħ l-offerti mitfugħa għal din is-sejħa li kienet tagħlaq, illum 16 ta' Jannar 2015 f'nofsinhar. Din is-sejħa kienet tirrigwarda l-kiri ta' *Tea Room* fi Ġnien is-Serenita'. Għal din is-sejħa intefgħet offerta waħda kif ġej:

| **Kuntrattur** | **Indirizz** | **Ammont** |
|---|---|---|
| **Easter Horizons** | **Santa Venera** | **5475ewro fis-sena** |

Il-Kunsill iddiskuta din l-offerta u sar kalkolu li din l-offerta tammonta għall-€15.00 kuljum. Il-Kunsill qabel li din l-offerta kienet baxxa wisq. Huma qablu li l-kuntrattur għandu jintalab jgħolli l-offerta tiegħu.

## 11. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.45 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2015 fil-5.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum ...................,...... ta' ..................…. 2015**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**

SANTA LUĊIJA

# Laqgħa Pubblika
# Proposta għall-Bini ta' Dar għall-Anzjani fil-Konfini ta' Santa Luċija

- **Post: Ġnien is-Serenita'**
- **Data u Ħin: It-Tlieta, 9 ta' Diċembru 2014 fis-6.00p.m**

Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm:

- Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija li kien rappreżentat mill-membri kollha tal-Kunsill
- l-Iżviluppaturi li qed jagħmlu din il-proposta u rappreżentanti tagħhom
- Rapprezentanti ta għaqdiet ambjentali
- Numru ta' residenti kif ukoll nies minn barra l-Lokalita' ta' Santa Luċija
- L-Onor Chris Fearne, Segretarju Parlamentari Għas-Saħħa
- L-Onor. Silvio Parnis, Chairman, Kunsill Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta

## *1. Ftuħ mis-Sindku*

Is-Sindku s-Sur Frederick Cutajar fetaħ din il-laqgħa u qal li l-Kunsill ħass li kellha ssir din il-laqgħa fir-rigward tal-kontroversja li nqagħlet għall-proposta ta' żvilupp dwar il-bini ta' dar għall-anzjani fil-konfini ta' Santa Luċija. Huwa qal li l-iskop ta' din il-laqgħa huwa li kull min hu nteressat jkollu l-opportunita' jkun jaf l-informazzjoni diretta mill-iżviluppaturi u l-opportunita jisma diversi opinjonijiet u suġġerimenti kif ukoll jesprimi l-kummenti tiegħu fir-rigward ta' dan l-iżvilupp. Is-Sindku qal li l-Kunsill minn naħa tiegħu m'għandu l-ebda poter biex japprova dan l-iżvilupp. Huwa rringrazzja lil membri parlamentari li għoġobhom jattendu għal din il-laqgħa u stieden il-Perit Salsero għan-naħa ta' l-iżviluppaturi biex jagħmel il-preżentazzjoni tiegħu.

## *2. Power Point Presentation*

Saret *power point presentation* fuq dan il-proġett li matulha ingħatat informazzjoni dwar il-qagħda preżenti f'dawk li huma djar għal anzjani f'Malta fejn ħareġ biċ-ċar li jeżisti nuqqas f'dan is-settur b'mod speċjali fin-Nofsinhar ta' Malta. Ingħatat nformazzjoni dwar permessi tal-Mepa li nħarġu għal-bini ta' djar ta' l-anzjani fuq artijiet li huma klassifikati bħala ODZ. L-aħħar parti ta' din il-preżentazzjoni kienet titratta l-proposta għal bini ta' dar ta' l-anzjani fejn ingħatat informazzjoni dettaljata dwar dan il-proġett. Fost il-fatturi mportanti li ssemmew ħareġ li s-sit indikat għal dan l-iżvilupp għandu area ta' 4475 metru kwardru li minnhom 60.30% ser jibqu *open space*, u li din id-dar ser tkun qed takkomoda 182 sodda li minnhom 80% ser jiġu offruti lil Gvern.

***3. Eżitu tal-laqgħa***

Mill-interventi li saru ħarġu biċ-ċar dawn il-punti prinċipali:

- Kien hemm qbil unanimu dwar il-bżonn ta' aktar djar għall-anzjani u ġie kkonfermat li l-Gvern ħareġ *Expression of Interest* li jixtri mill-privat biex jindirizza din il-problema.

- L-oġġezzjoni prinċipali kien il-fatt li l-sit li fuqhu hemm din il-proposta ta' żvilupp jinsab f'*area* kklasifikata bħala ODZ.

- Il-maġġoranza tar-residenti ta' Santa Luċija li kienu preżenti u li għamlu l-intervent tagħhom dwar din il-proposta qablu li dan il-proġett isir fil-konfini ta' Santa Luċija. Deher ċar li qed iħarsu lejn din il-proposta bħala opportunita biex jirtiraw fil-lokalita' li fiha jkunu għixu u viċin tal-qraba tagħhom.

- Isemma l-bżonn li nħarsu l-ambjent u ġie suġġerit li jekk din il-proposta tiġi approvata mill-Mepa, għandu jkun hemm kumpens ambjentali b'mod speċjali fil-Wied Garnaw li jinsab f'qagħda kritika ħafna u hemm bżonn ta' manutenzjoni estensiva fuq il-ħitan tas-sejjiegħ u fuq il-konservazzjoni ta' dan il-Wied.

***4 Tmiem tal-laqgħa***

Is-Sindku rringrazzja lil dawk preżenti. Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Caroline Silvio<br>Segretarju Eżekuttiv | Frederick Cutajar<br>Sindku |

Approvat illum il-Ġimgħa, 16 ta' Jannar 2015 waqt laqgħa tal-Kunsill CM36-15